**Prim’Awla tal-Qorti Ċivili**

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 712/2023 MS*

**Av Gianella Farrugia bħala mandatarja speċjali ta’ Jiang Wei**

**Vs.**

**L-Avukat Dr Julia Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Melissa Mary Victoria D’Anastasi bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Rongxiu Kuang**

Illum, 16 ta’ Mejju 2025

Kawża Numru: 5

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi nomine fil-5 ta’ Lulju 2023, li bih wara li ġie premess dan li ġej:

> Illi l-attur Jiang Wei u l-Konvenuta kellhom relazzjoni illi minnha twieled il-wild bl-isem ta' Jiang Yihang nhar it-tlettax (13) ta' Dicembru elfejn u sittax (2016) u illi llum ghandu sitt

(6) snin (certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala DOK GF1);

Illi l-attur ghamel talba sabiex jottjetni l-kura u l-kustodja tal-minuri Jiang Yihang liema talba giet accettata nhar is-sittax (16) t'Ottubru tal-elfejn u dsatax (2019) mill-People's Court of Furong District, Changsha, Hunan Province, China (Kopja awtentika tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala DOK GF2). Illi b'hekk l-attur ghandu l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri.

Illi tali sentenza giet ikkonfermata permezz ta' Digriet mahrug mill- People's Court of Furong District, Changsha, Hunan Province, China nhar is-sbatax (17) ta' Frar tal-elfejn u ghoxrin (2020) (Kopja awtentika tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala DOK GF3).

Illi di più l-attur talab lill din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet Dr Adrian Camilleri noe vs Deputati Kuraturi permezz ta Rikors numru 147/20 JPG sabiex tawtorizzah illi japplika u jottjeni passaport Malti bhala parti minn applikazzjoni ghal- Cittadinanza b'Investiment u sabiex jagħmel dak kollu necessarju sabiex il- minuri jkollu tali passaport minghajr il-kunsens tal-konvenuta.

Illi t-talba tal-attur kienet giet milqugha u cioe, il-minuri huwa detentur tal-Passaport Malti bin-numru MT032339.

Illi l-attur ghandu interess illi jinforza s-sentenza tas-sittax (16) t'Ottubru tal-elfejn u dsatax (2019) kif moghtija fic-Cina, fil Gzejjer Maltin stante l-fatt illi huwa dovut jaghmel dak kollu necessarju sabiex ikun jista jiggestixxi il-bzonnijiet tal-istess minuri gewwa l-Gzejjer Maltin minghajr limitazzjonijiet, sakemm il-minuri jilhaq l-età ta' tmintax (18)-il sena.

intalab lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara esegwibbli s-sentenza datata is-sittax (16) t'Ottubru tal-elfejn u dsatax (2019) moghtija mill- People's Court of Furong District, Changsha, Hunan Province, China fl-ismijiet "Jiang Wei vs Kuang Rongxiu", li giet ikkonfermata permezz ta' Digriet nhar is-sbatax (17) ta' Frar tal-elfejn u ghoxrin (2020), u tordna l-esekuzzjoni tagħha u dana ai termini ta' l-Artikoli 825A-828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza datata is-sittax (16) t'Ottubru tal-elfejn u dsatax (2019) moghtija mill- People's Court of Furong District, Changsha, Hunan Province, China fl-ismijiet "Jiang Wei vs Kuang Rongxiu", li giet ikkonfermata permezz ta' Digriet nhar is-sbatax (17) ta'

> Frar tal-elfejn u ghoxrin (2020), fli-ufficcju tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 828 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Bl-ispejjez kontra L-konvenuta illi hija ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

2. Rat li l-kuraturi deputati għall-assenti konvenuta preżentaw risposta ġuramentata fid-29 ta' Lulju 2024[1], li biha qalu hekk:

> Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.
>
> Salv risposta ulterjuri.

3. Rat l-atti proċesswali;

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża magħmula sabiex din il-Qorti tagħti eżekuzzjoni lil sentenza mogħtija minn Qorti fiċ-Ċina skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 825A sa 828 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

7. L-attur u l-konvenuta huma l-ġenituri tal-minuri Jiang Yihang, li twieled fit-13 ta' Diċembru 2016 ġewwa Wuhan City fil-Provinċa ta' Hubei fiċ-Ċina[2]. Fis-16 t'Ottubru 2019, *The People's Court of Furong District, Changsha City, Hunan Province* ippronunzjat sentenza li permezz tagħha l-attur ġie affidat bit-trobbija tal-minuri fuq imsemmi, kif ukoll bil-manteniment tiegħu sakemm il-minuri jkun f'pożizzjoni li jmantni lilu innifsu[3]. Din hija s-sentenza li l-attur irid iwettaq f'Malta.

---

[1] Fol.66.
[2] Fol.9.
[3] Fol.16-17.

8. L-artikolu 826 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi hekk:

> Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Sentenzi ta' Tribunali Ingliżi, is-sentenzi mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż barra minn Malta, u li jkunu saru ġudikat, jistgħu jiġu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta, fuq rikors b'talba biex tiġi ordnata l-esekuzzjoni ta' dawk is-sentenzi.

9. Il-liġi tgħid li talba bħal dik fil-każ odjern issir b'rikors. Naturalment, il-fatt li l-attriċi nomine f'din il-kawża mexxiet permezz ta' rikors ġuramentat ma joħloq ebda impediment, minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 164(2) tal-istess Kodiċi.

10. Fid-deċiżjoni ***Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon nomine vs. Laferla Insurance Agency Limited*** (Appell Superjuri, 25 t'Ottubru 2013) intqal hekk:

> Din il-Qorti tara li l-materja hija regolata bl-Artikoli 826 u 827 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). L-Artikolu 826 jibda biex jenunċja l-prinċipju illi sentenzi mogħtija minn Qorti kompetenti estera "jistgħu jiġu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bħas-sentenzi mogħtija f'Malta". L-Artikolu 827 isegwi billi jgħid meta ma jistax isir dan. Dawn l-eċċezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, iżda huma "exhaustive", fis-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera għal xi raġuni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiż barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jiġix ippruvat a sodisfazzjon tagħha xi waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terġa' tiftaħ il-meritu tal-kwistjoni deċiża bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tgħaddi ġudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-liġi estera mal-Ordinament Ġuridiku Malti u lanqas li tqabbel il-liġi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiż li għandu liġijiet differenti minn ta' Malta. Il-prinċipju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-liġi estera, tkun kuntrarju għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera.

11. Imbagħad fid-deċiżjoni ***Avukat Dr Christian Farrugia noe vs. Peter Blond International Limited*** (Appell Superjuri, 31 t'Ottubru 2008) ġie osservat hekk: «*Din il-Qorti ma taħsibx li, għall-fini ta' l-Artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, għandha tissolleva sua sponte difiża fit-termini ta' l-Artikolu 827, għax mhux xogħol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu għall-infurzar tas-sentenza estera*»[4].

12. Eżaminati d-dokumenti li fuqhom tistrieħ l-attriċi nomine, din il-Qorti ma tarax li hemm xi raġuni għaliex is-sentenza estera in kwistjoni m'għandhiex titwettaq ukoll f'Malta. Il-konvenuta ma ressqet ebda eċċezzjoni taħt l-artikolu 827, u f'kull każ, minn dak riskontrat mill-Qorti, ma jidhirx li ċ-ċirkostanzi maħsuba f'dik id-dispożizzjoni jippreżentaw ruħhom fil-każ odjern.

13. B'danakollu l-Qorti ma tarax li tista' tilqa' t-tieni talba tal-attriċi nomine, li biha titlob ir-reġistrazzjoni tas-sentenza fir-Reġistru Pubbliku. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'huwiex parti f'dawn il-proċeduri u għalhekk dak l-ordni ma jorbtux u ma jistax jitwettaq minnu, u ebda qorti m'għandha tagħti ordni li ma jistax jitwettaq.

14. L-artikolu 828 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jgħidx li l-qorti għandha tordna dik ir-reġistrazzjoni, iżda sempliċiment jirregola l-effetti ta' dik ir-reġistrazzjoni meta u jekk ssir. U dik ir-reġistrazzjoni għandha ssir kif jipprovdu d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku[5], b'mod partikolari l-artikoli 4, 5 u 8.

15. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba tal-attriċi nomine billi tqisha inutili, tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, b'dan li tippreċiża li l-eżekuzzjoni tas-sentenza estera qed tiġi ordnata a tenur tal-artikolu 826 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

---

[4] Ara wkoll ***L-Avukat Dottor Jesmond Manicaro noe vs. Sunset Financials Limited*** (Appell Superjuri, 25 ta' Frar 2025).
[5] Kapitolu 56 tal-liġijiet ta' Malta.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mill-konvenuta, bla ħsara għad-drittijiet tal-kuraturi deputati.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur